MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 368/2012

**V. Demajo & Bros. (P 373)**

**vs**

**Fithome Creative Interiors Limited (C 39011)**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti pprezentat nhar l-1 ta' Novembru 2012 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lid-ditta attrici s-somma ta' ghaxart elef, tmien mija u tmienja u erbghin Ewro u sbatax-il centezmu (€10,848.17) rapprezentanti inkwantu ghal disat elef, disa' mija u erbatax-il Ewro u seba' centezmi (€9,914.07) prezz ta' *appliances* lilha mibjugha f'diversi okkazjonijiet (skont Dok. A) u inkwantu ghal disa' mija u erbgha u tletin Ewro u disa' centezmi (€934.09) imghaxijiet kummercjali fuq l-imsemmi prezz ikkalkolati sal-31 ta' Ottubru 2012 (skond *statements* Dok. B u Dok. C).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 9 ta' Awwissu 2012 (Ittra Nru. 1691/12), u bl-imghaxijiet kummercjali mill-1 ta' Novembru 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Frar 2013 deher Dr Carlo Vigna flimkien mar-rapprezentant tas-socjeta' attrici Karen Azzopardi li kkonferma li l-partijiet waslu fi ftehim kif spjegata fin-nota tieghu giet esebita fl-istess seduta tal-5 ta' Frar 2013.

Semghet ix-xhud **Karen Azzopardi** tixhed ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u tghid li fil-mori tal-kawza s-socjeta' konvenuta ghamlet pagament fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u hamsin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€2,450.26) u li ghalhekk illum il-bilanc dovut lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta jammonta ghal hamest elef, tliet mija u tlieta u tmenin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€ 5,383.86).

Rat illi s-socjeta' konvenuta giet notifikata bl-atti tal-kawza nhar l-14 ta' Novembru 2012 kif jirrizulta mit-timbru tal-purtier Mario Mizzi a fol. 8 tal-process izda baqghet ma pprezentat l-ebda risposta jew kontestazzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tara li t-talba attrici hija gusta u ghandha tigi milqugha.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' hamest elef, tliet mija u tlieta u tmenin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€ 5,383.86).**

**L-ispejjez tal-kawza u tal-Ittra Ufficcjali Numru 1691/12 kif mitluba fir-rikors promotur jithallsu mis-socjeta' konvenuta filwaqt li l-imghax jibda' jiddekorri mid-data tal-31 ta' Ottubru 2012.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------